MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2006

Numru 4/2004

Ir-Repubblika ta Malta
Vs
Paul Caruana

**Il-Qorti,**

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 4 tas-sena 2004, kontra l-akkuzat Paul Caruana, li bih huwa qed jigi akkuzat talli:**

**1) Wara li l-Avukat Generali, f' isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi sa' Gunju tas-sena elfejn u tlieta, Sandra u Paul Caruana kienu ilhom madwar disgha snin mizzewgin. Miz-zwieg ta' bejniethom kellhom zewgt itfal, ta' disa' w sitt snin rispettivament. B'danakollu, fl-ahhar xhur tas-sena elfejn u tnejn u l-bidu tas-sena 2003, kien beda jinbed xi dizgwid bejniethom. Iktar ma beda jghaddi z-zmien, iktar kiber dan id-dizgwid, li, ukoll, xi kultant, beda anke jiehu xghira ta' aggressjoni u vjolenza fizika. Di**

**fatti, l-ahhar episodju bhal dan kien gara bejniethom fl-ghaxra ta’ Gunju tal-imsemmija sena 2003.**

**Izda l-akbar episodju b’konsegwenzi gravi mmens, u li seta’ anke kellu konsegwenzi fatali, gara nhar il-Hamis tnax ta’ Gunju, 2003, ghall-habta tad-disgha w nofs ta’ filghodu gewwa Triq Xandru Farrugia, iz-Zejtun. Dakinhar, gara li Sandra w Paul konjugi Caruana kienu ltaqghu ironikament proprju sabiex jippruvaw jirrangaw u jtemmu d-differenzi ta’ bejniethom. Fl-imsemmi hin kienu qeghdin it-tnejn li huma riekba gewwa l-karozza wieqfa ta’ Paul Caruana, jiddiskutu w jargumentaw u jippruvaw jirragunaw. Minkejja dan l-inkontru, ghal Sandra Caruana s-sitwazzjoni kienet tali li ma setghetx tkompli tghix hajja matrimonjali normali ma’ zewgha Paul Caruana.**

**Meta Paul Caruana ra hekk, beda jberren f’mohhu li allura s-soluzzjoni kellha tkun li jiddistruggi lil martu darba ghal dejjem. Dan, billi joqtolha w jnehhilha hajjitha. Ghalhekk, bil-hsieb specifiku li joqtolha huwa, f’hin minnhom, waqt li kienu qed jargumentaw gewwa l-karozza tieghu, w minghajr ebda provokazzjoni ta’ xejn min-naha ta’ martu, qabad sikkina minn warajh b’idu x-xellugija w ta daqqa mmirata f’ghonq martu Sandra. B’dik id-daqqa, s-sikkina kbira w ippuntata ppenetrat sew gewwa l-kavita’ tal-ghonq ta’ Sandra Caurana. Ghal xi hin, Paul Caruana kompla jaghtiha bis-sikkina f’partijiet ohra tal-persuna taghha, izda, fortunatament, persuni ohra li kienu qeghdin fil-vicinanzi, bhal certa Carmen Mifsud, Mario Ellul u Charlo’ Azzopardi, ntebhu b’dak li kien qed jigri u mill-ewwel marru jwaqqfuh billi hadulu s-sikkina w zammewh bil-forza.**

**Minkejja dan, Sandra Caruana xorta wahda soffriet griehi ta’ natura gravissima minhabba dan l-attakk omicida fuqha da parti ta’ Paul Caruana, tant li, fost konsegwenzi ohra, ser ikollha tbati w iggorr sfregju permanenti f’ghonqha.**

**Illi b'eghmilu, l-imsemmi Paul Caruana sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsiieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car (Sandra Caruana), wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Paul Caruana hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car (Sandra Caruana), wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn seba snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 31 (kif emendat bl-artikolu 6 tal-Att XVI tal-1996), 211, 23, 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**2) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni Kap illi gewwa z-Zejtun, nhar it-tnax ta' Gunju tal-imsemmija sena 2003, f'xi d-disgha w nofs ta' filghodu, filwaqt li Paul Caruana kien qieghed jezegwixxi l-intenzjoni omicida tieghu fuq martu Sandra, huwa kien, fil-hin ta' qabel u anke fil-granet ta' qabel it-12 ta' Gunju ta' dik is-sena, kien fil-pussess materjali w illegali ta' arma (sikkina) peress li ma kienx debitament kopert b'xi licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghal tali pussess.**

**Illi b'eghmilu l-imsemmi Paul Caruana sar hati talli kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Paul Caruana, hati talli kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' multa ta' mhux izjed minn hamsin lira, jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tlett xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 13, 19 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-artikoli 17(h), 23 u 533 tal-kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**3) Wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta ppremetta fit-Tielet Kap illi dejjem gewwa z-Zejtun, nhar it-tnax ta' Gunju tal-imsemmija sena 2003, f'xi d-disgha w nofs ta' filghodu, filwaqt li Paul Caruana kien qieghed jezegwixxi l-intenzzjoni omicida tieghu fuq martu Sandra, huwa kellu fuq il-persuna tieghu, arma li taqta' jew bil-ponta ghal ebda skop legittimu.**

**Illi b'eghmilu l-imsemmi Paul Caruana sar hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali. fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Paul Caruana, hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ta' mhux izjed minn sentejn, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 3, 19, 26 u 27 tal-Kapitolu 66, u fl-artikoli 17(h), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.**

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum,li bih:-

**1. B’ sitt (6) voti kontra tlieta (3) sabu lil Paul Caruana mhux hati skond l-ewwel kap tal-att tal-akkuza izda hati li kkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ martu Sandra Caruana, bi strument li jaqta’ jew iniggez, b’ dana pero li r-reat huwa skuzabbli, ghaliex il-hati, fil-waqt tad-delitt, kien fi stat ta’ agitazzjoni tal-mohh illi minnhabba fiha ma setax iqis l-eghmil tieghu.**

**2. unanimament sabu lil Paul Caruana hati tat-tieni kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza w**

**3. unanimament sabu lil Paul Caruana mhux hati tat-tielet kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza**

1. tiddikjara lil Paul Caruana mhux hati skond l-ewwel kap tal-att tal-akkuza izda hati li fit-12 ta’ Gunju, 2003, filghodu, gewwa Triq Xandru Farrugia, iz-Zejtun, ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ martu Sandra Caruana, bi strument li jaqta’ jew iniggez b’ dana pero li r-reat huwa skuzabbli, ghaliex il-hati, fil-waqt tad-delitt, kien fi stat ta’ agitazzjoni tal-mohh illi minnhabba fiha ma setax iqis l-eghmil tieghu.

**2. Tiddikjara lil Paul Caruana, hati talli fit-12 ta’ Gunju, 2003, fiz-Zejtun, kellu f’idejh jew fuqu sikkina ta’ kull xorta li tkun , b’ xafra bil-ponta, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dana skond it-Tieni Kap. tal-Att tal-Akkuza;**

**3. Tiddikjara lil Paul Caruana mhux hati tat-Tielet Kap tal-Att tal- Akkuza;**

**Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri w s-sottomissjonijiet maghmula mill-abbli prosekutur Dr. Mark Said dwar il-piena;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni w li d-difiza hadet konjizzjoni taghha;**

**Qieset is-sottomissjonijiet** kollha **tad-difiza tal-hati Paul Caruana li jinsabu registrati w senjatament, izda mhux biss, is-segwenti w cioe :**

**Li l-akkuzat kellu fedina penali nadifa hlief ghal zewg kontravenzzjonijiet u li mhux ta' kondotta refrattarja;**
**Li ma kellux kazijiet ohra pendenti;**
**Illi hu kien dispost jammetti ghall-akkuza ta' ferita gravi b'arma bl-iskuzanti tal-agitazzjoni tal-mohh u kien ipprova jaghmel "plea bargaining" mall-Avukat Generali f'dan is-sens u kieku intlahaq ftehim, kien jammetti mill-ewwel;**
**Li hu dejjem hadem u ha hsieb il-familja;**
**Li llum qieghed jghix ma martu u din hafritlu ghal dak li gara u li l-familja tieghu kienet tiddependi fuqu;**
**Li hu qatt ma kien refa' jdejh fuq martu hlief jumejn qabel ma sehh dan l-incident;**
**Li l-verdett tal-gurija kien l-inqas wiehed possibbli ta' sitta kontra tlieta;**
**Illi kien ironiku li f'dan il-kaz kellu jigi applikat l-aggravanti ghax il-vittma kienet il-mara meta kienet l-istess martu li gabet lill-akkuzat fil-kondizzjoni li kien jinsab fiha;**
**Li jkun iktar ta' gid ghas-socjeta' jekk l-akkuzat f'dawn ic-cirkostanzi ma jinghatax piena karcerarja;**
**Ghalhekk huma talbu li l-Qorti turi klemenza mal-hati billi tapplika l-provvediment ta' sentenza sospiza.**

**Qieset mill-banda l-ohra is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur u cioe' :**

**Li kienu bdew trattativi ghal "plea bargaining" fis-sens illi tkellmet id-difiza pero' ma jafx li sar diskors dwar il-piena;**

**Kien veru li l-akkuzat kien sab ruhu f'cirkostanzi skomdi u patetici pero' fl-isfond ta' dak li gara hu kkommetta zball wiehed kbir;**
**Illi anki skond sentenzi tal-Qorti tal-Appelli Kriminali gie ritenut illi fejn si tratta ta' offizi fuq il-persuna b'arma ghandu jkun hemm piena karcerarja effettiva w mhux wahda sospiza;**
**Illi skond il-kalkoli tal-Prosekuzzjoni l-piena ghar-reat ta' offiza gravi bi strument li jaqta' jew iniggez fuq il-mara tal-akkuzat bl-attenwanti tal-agitazzjoni tal-mohh kienet tvarja minn wahda minima ta' hames xhur prigunerija ghal wahda ta' tlett snin u erba' xhur prigunerija.**

**Ikkonsidrat**

**Qieset iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan ir-reat;**

**Qieset li mill-fedina penali tal-hati ma jidhirx li hu xi persuna ta' kondotta kriminali;**

**Qieset ukoll pieni moghtija minn dawn il-Qrati f'reati simili ta' vjolenza kommessi b'armi u dak li gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Kolleggjali) li**
*"l-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, aktar u aktar fejn jintuzaw armi" w li "mhuwiex inoltre tollerabbli li f'socjeta' civili persuna ggorr arma fuqha kontra l-ligi – hi x'inhi r-raguni."* **(Ap. Krim.** Ir-Repubblika ta' Malta vs. Noel Mizzi **[15-12-2005] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Victor Pace" **(Qorti Kriminali) [25.1.2006] u ohrajn).**

**Qieset ukoll fir-rigward tal-iskuzanti tal-agitazzjoni tal-mohh li kkonstataw il-gurati dak li gie ritenut fis-sentenza Ingliza ta'** Bancroft **(1981) [3 Cr. App. R. (S) 119] citata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fil-kawza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis sive Cikku Farrugia" **[3.10.2003] u minn din il-Qorti fis-sentenzi** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis Buhagiar" **[5.11.2003] konfermata fl-appell [ 24.9.2004]**

**u** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef" **[23.5.2005] u cioe' :-**

*"…notwithstanding that a man's reason might be unseated on the basis that the reasonable man would have found himself out of control, there is still in every human being a residual capacity for self-control, which the exigencies of a given situation may call for. That must be the justification for passing a sentence of imprisonment, to recognise that there is still left some degree of culpability…(ara Jeremy Horder : "Provocation and Responsibility" (OUP, 1992 p. 120)"*

**Rat l-artikoli 17 (b), 20, 22, 31, 214, 215, 216 (1) (a) (i), 217, 222 (1) (a), 227 (c), 230 (b) 232 (a) u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 3, 13, u 27 tal-Kap. 66**,

**Tikkundanna lill-hati Paul Caruana ghal piena komplessiva ta' tlett (3) snin prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li hu ghamel taht arrest preventiv in konnesjoni ma' dan il-kaz;**

**U tordna lill-hati li jhallas l-ispejjes kollha tal-perizji f'din il-kawza ammontanti ghal sitt mija w disgha w sebghin lira Maltin u tmienja w ghoxrin centezmu (LM679.28c) u, fin-nuqqas ta' tali hlas fi zmien hmistax il-jum mill-lum, dan l-ammont jigi konvertit fi zmien ta' prigunerija ohra skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------